MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tal-25 ta' Novembru, 2010

Numru. 1140/2010

**IL- PULIZIJA**
**SPETTUR MALCOLM BONDIN**
**KONTRA**

**CLEAVEN VELLA**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Cleaven Vella ta’ 18- il sena, bin Francis u Maria Concetta nee’ Xuereb, mwieled Pieta’ nhar l- 14 ta’ Ottubru 1991, residenti St. Joseph, Flat 8, Triq Antonio Sciortino, Msida u detentur tal- Karta tal- Identita’ bin- numru 534991M:

Li gie imressaq quddiemha sabiex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet;

Talli nhar l- 1 ta' Novembru 2009, ghall- habta tan-00.30hrs gewwa Triq San Gorg, San Giljan, minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed l- hajja ta' Darrin Paul Azzopardi f' periklu car, ikkagunalu griehi ta' natura gravi fil- gisem jew fis- sahha, skond kif iccertifikat minn Dr. Glenn Micallef mill- Casualty Department tal- isptar Mater Dei;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda prodotti;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fl-aktar stadju bikri f' dawn il-proceduri, liema ammissjoni giet ikkonfermata minnu wara li l-Qorti tatu, zmien xieraq skond il-ligi sabiex jikkonsidraw, u ghalhekk il-Qorti setghet tghaddi minnufih ghas-sentenza;

**Ikkunsidrat:**

Illi l- incident mertu ta' din il- kawza gara sena ilu meta qam argument bejn l- imputat u Darren Paul Azzopardi peress illi dan tal- ahhar beda jinki lill- imputat u b' hekk inqalet il- glieda. Fl- argument Azzopardi sofra griehi billi kellu frattura fl- imnieher liema offiza fil- Ligi hija klassifikata bhala gravi perdurata. Fl- istqarrija rilaxxata mill- imputat fid- 9 ta' Settembru 2010 hu ammetta li kien fil- fatt ta daqqa ta' ponn lil Azzopardi ghax kien ha ghalih bil- mossi li kien qed jaghmel l- istess Azzopardi u fl-istess stqarrija l- imputat iddikjara li kien iddispjacih tal-incident u li kien lest jiskuza ruhu ma' Azzopardi. Tenut kont, ghalhekk tac- cirkostanza tal- kaz in vista tal-ammissjoni bikrija tal- imputat u tal- fedina penali netta tieghu il- Qorti ma tarax li ghandha tikkundannah ghal piena ta' prigunerija. Ghaldaqstant sejra tghati provediment ai termini tal- Kapitolu 446 u minkejja li dan l-

incident kien l- uniku wiehed bejn il- partijiet sejra torbot lill- imputat b' garanzija ai terminu tal- Artikolu 383 tal- Kapitolu 9.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l- Artikoli 214 u 216 tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta' Malta.

Fuq ammissjoni din il- Qorti qed issib lill- imputat hati u ghaldaqstant tilliberah bil- kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena ai terminu tal- Artikolu 22 tal- Kapitolu 446 tal- Ligijiet ta' Malta.

Torbot lill- imputat b' garanzija tieghu innfisu ai termini tal- Artikolu 383 tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta' Malta ghal sena favur Darrin Paul Azzopardi taht penali ta' hames mitt ewro (€500).

Il- Qorti spjegat il- portata tas- sentenza lill- imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------